MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (KOMPETENZA KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Rikors Numru. 33/2001/1

**Angela Busuttil**
**vs**
**Avukat Generali**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ta' Angela Busuttil prezentat minnha fit-8 ta' Novembru 2001, u li testwalment jghid hekk: illi giet inizjata kawzat minn certu Lawrence Magro fl-ismijiet Lawrence Magro vs Angela Busuttil Citaz. Nru.635/90 GCD li jigi missier l-ex gharus tar-rikorrenti; illi f' din il-kawza hemm nominat perit tekniku, cioe' l-Perit Rene Buttigieg; illi b' digriet tal-4 ta' Novembru 1999, il-Qorti llimitat l-inkarigu tal-Perit sabiex dan jirrelata dwar l-ewwel talba tal-attur, ossia sabiex jillikwida l-kumpens dovut lill-attur tax-xoghol ta' kostruzzjoni u kif ukoll fuq ir-raba u l-hames eccezzjoni tar-rikorrenti konvenuta f' dik il-kawza; illi dawn l-eccezzjonijiet kienu fis-sens li hafna mix-xoghol

li sar, sar hazin u mhux skond is-sengha u l-arti, u li hafna mix-xoghol sar mill-konvenuta;  illi fl-ahhar udjenza r-rikorrenti ttentat tressaq provi in sostenn ta' l-eccezzjonijiet taghha, izda l-attur oppona ruhu u ghalhekk dawn il-provi ma sarux;  illi minhabba fil-premess ir-rikorrenti intavolat rikors opportun sabiex tressaq dawn il-provi quddiem perit tekniku anke tenendo kont li hija ghadaha ma ghalqitx il-provi taghha;  illi b''digriet tal-1 ta' Novembru 2001 il-qorti cahditilha t-talba taghha u awtorizzat lill-perit tekniku sabiex jirrelata dwar l-inkarigu tieghu;  illi b' hekk ir-rikorrenti mhux ser ikollha smigh xieraq kif lilha garantit mill-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Europeja tad-drittijiet tal-Bniedem, u dan peress li l-vertenza ser tigi deciza fuq provi mressqa mill-attur fejn hi mhux qed tinghata l-opportunita' li tirribatti;  ghaldaqstant talbet li din l-Onorabbli Qorti jogghobha tiddikjara li d-dritt tar-rikorrenti kif garantit mill-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u mill-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-drittijiet tal-Bniedem gew lesi lilha u taghti ordni u direttivi sabiex ir-rikorrenti tkun awtorizzata tressaq il-provi taghha quddiem il-perit tekniku u dan that dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni;

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali intimat fejn espona:
1. Illi din l-Onorabbli Qorti hija mistiedna li tezercita d-diskrezzjoni taghha skon il-proviso that is-sub inciz (2) ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u that il-proviso tas-subinciz (2) ta' l-Artikolu 4 tal-Kap.319 stante illi r-rikorrent ghandu rimedju ordinarju car ghall-lament tieghu inhabba li jista' jqajjem dan il-punt fl-istadju ta' l-appell (Ara: Rikors 5/01 fl-ismijiet Raymond Farrugia vs Kummissarju tal-Pulizija deciza mill-Prim' Awla diversament presjeduta fit-12 ta' Novembru 2001);
2. 2  Illi bla pregudizzju ghas-suespost, galadarba lement dwar allegat ksur tad-drittijet tal-bniedem jista' jkun indirizzat fl-istadju ta' l-appell, ma jista ikun hemm ksur ta' l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni jew ta' l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem (Ara: Bryan vs the UK 22 ta' Novembru 1995 deciza mill-Qorti Ewropea);

3. Salv eccezzjonijiet ohra, dejjem jekk ikun il-kaz, specjalment wara li jkun anness il-process tal-kawza msemmija fir-rikors promotorju.

Rat l-Atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:-

Illi bazikament il-fatti li pprovokaw dan ir-rikors huma s-segwenti. Illi fit-2 ta’ Lulju 1990 kienet giet prezentata fil-Prim’ Awla tal-Qorti Civili citazzjoni nurmu 635/90 fl-ismijiet *“Lawrence Magro vs Angela Busuttil”* liema att gie debitament notifikat lill-konvenuta, ir-rikorrenti fil-proceduri odjerna, li minn naha taghha pprezentat in-nota tal-eccezzjonijiet. Gie nominat wkoll perit tekniku biex jirrelata. Fil-31 ta’ Ottubru 2001 ir-rikorrent intavolat rikors fil-kawza taghha sabiex tigi awtorizzata tippresenta l-affidavit taghha u sett ritratti. Illi b’ digriet moghti fl-1 ta’ Novembru 2001 it-talba taghha giet michuda u l-perit tekniku gie awttorizzat jirrelata fuq il-provi migbura.

Illi fir-rikors taghha Angela Busuttil qeda ssostni li l-kontenut ta’ dan id-digriet, icahhadha mid-dritt taghha ghall-smiegh xieraq skond l-Artikolu 39 (2) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, stante li l-kaz ser jigi deciz mill-Qorti minghajr ma tkun ressqet il-provi taghha, bir-risultat li *“hija ser issofri pregudizzju illi l-perit tekniku ser jghaddi ghar-rapport u se jistrieh biss fuq il-provi imtellgha mill-attur biss..”*[1] u rigward il-fakulta’ taghha li eventwalment tressaq dan l-aggravju taghha quddiem il-Qorti tal-Appell, ir-rikorrent qed issostni li, f’ dan l-istajdu kien ser ikun hemm gia sentenza tal-ewwel Qorti kontra taghha, u inoltre *“il-Qorti tal-Appell hija Qorti ta’ Revizjoni u bhala regola generali ma jistghux jittellghu provi quddiemha.”* Ghalkemm fil-paragrafu sussegwenti, ta-Nota taghha, ir-rikorrenti tirrikonoxxi li l-Onorabbli Qortit al-Appell *“tista’ wkoll tibghat lura l-process quddiem l-Ewwel Qorti halli r-rikorrenti tkun tista’ ittellgha l-provi in sostenn tal-eccezzjonijiet taghha…”*

[1] Nota Osservazzjonijiet Fol.138

Ghalhekk bazikament it-tesi tar-rikorrenti hija fis-sens li, ghalkemm hija ghad ghandha l-fakolta' u d-dritt li tressaq l-ilment taghha quddiem l-Qorti tal-Appell, li minn naha taghha tista, jekk jidhrilha gust, tibghat il-process lura lill-Ewwel Qorti, biex jinstemghu l-provi li trid tressaq ir-rikorrenti, *"huwa ferm ahjar u fl-interess tar-rikorrenti illi meta intebhet illi d-drittijiet taghha ghal smigh xieraq qeghdin jigu lesi hija hadet il-proceduri opportuni halli thares l-interessi taghha."*[2]

Illi minn naha tieghu l-intimat fl-ewwel eccezzjoni tieghu qed jisostni li din il-Qorti tesercita d-diskrezzjoni taghha skond l-proviso that is-sub inciz (2) ta' l-Artikolu 46 tal-Kostutizzjoni u l-proviso that is-sub inciz (2) ta' l-Artikolu 4 tal-Kap.319 peress li r-rikorrenti ghandha rimedju ordinarju car ghall-lament taghha; u proprju indikat ir-rimedju li ghandha konsistenti fid-dritt ta' Appell mill-eventwali sentenza ta' l-Ewwel Qorti. *"Isegwi ghalhekk li dan ir-rikors kostituzzjonali huwa intempestiv ghaliex (a) ghad-lanqas biss hemm sentenza ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti, (b) ma jidhirx li saret talba ghar-revoka tad-digriet contrario imperio, (c) ghad fadal l-istadju ta' l-appell fejn fih ghad jista' jinbidel kollox."*[3]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

*Osservazzjonijiet guridici*

Illi fil-kaz ***St.Paul's Court Limited vs L-Onor.Prim Ministru et.*** *[Vol.LXXXIV.1.486]* il-Qorti Kostituzzjonali, osservat: "Issa hu veru li minn ezami tas-sub inciz (1) u (2) tal-artikolu 46 jidher car li l-legislatur Malti ma riedx jistabbilixxi bhala principju assolut fil-ligi kostituzzjonali taghna li qabel persuna tadixxi lil din il-Qorti fil-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha ghandha dejjem u tassattivament tezawrixxi r-rimedji kollha disponibbli that il-ligi ordinarja, inkluzi dawk ir-rimedji li ma jkunux ragjonevolment mistennja li jipprovdu rimedju effettiv *(Vol.LXXV pg.106).* Pero' hu daqstant car li fejn jezisti mezz **xieraq u adegwat li jkun effettiv u sufficjenti** u fejn dak il-mezz ikun wiehed **cert u mhux dubbjuz** kien

---

[2] Fol.138
[3] Fol.145

jispetta lill-persuna li thoss ruhha aggravata fil-jeddijiet fondamentali taghha li tutilizza dan ir-rimedju **(Carmel Cacopardo v Ministru tax-Xogholijiet et – 29.01.1986)**. Dan *multo magis* fejn ir-rimedju disponibbli jkun wiehed sancit mill-ligi tal-procedura proprju biex jigi vverifikat permezz ta' investigazzjoni straordinarja jekk kinitx jew le avverrat ruhha irregolarita' gravi fl-amministrazzjoni tal-gustizzja li kienet tiggustifika t-thassir ta' sentenza finali tal-Qorti".[4] Fil-fatt f' dik il-kawza, il-Qorti osservat li r-rikorrenti kellu r-rimedju tar-ritrattazzjoni[5], kontemplat mill-ligi ordinarja, li seta' jwassal ghat-thassir tas-sentenza u allura "Indubbjament tali rimedju kien wiehed car, effettiv u sufficjenti".

Fuq l-istess linja ta' hsieb, l-istess Onorabbli Qorti fil-kaz ***Dr.Mario Vella vs Joseph Bannister noe*** *[deciza 7.03.1992]*osservat: "(a) Meta huwa car illi hemm mezzi ordinarji disponibbli ghar-rikorrent biex ikollu rimedju ghad-danni li qed jillamenta, bhala prinicipju generali dawn ghandhom jigu adoperati u r-rikors ghall-organi gudizzjarji ta' natura kostituzzjonali ghandu jsir wara li l-ordinarji jigu ezawriti jew meta mhumiex disponibbli;" ammennochhe' dak ir-rimedju ma jkunx adegwat fis-sens li jkun ser jirrimedja l-lanjanzi tar-rikorrent in parti, f' liema kaz il-Qorti ghandha tesercita l-gurisdizzjoni taghha.

Fil-kaz ***Adel Mokhtar Al Sakalli vs Onor.Prim Ministru et*** *[Vol.LXXXIV.1.486]* l-istess Onorabbli Qorti, filwaqt li ghamlet referenza ghall-insenjament taghha fil-kaz precedenti, kkonfermat id-decizjoni tal-Ewwel Qorti li tiddeklina milli tesercita l-gurisdizzjoni taghha stante l-meritu tar-rikors kostituzzjonali seta' jigi investigat u deciz mill-Qrati Ordinarji in kwantu kien kopert sewwa bit-termini tad-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 469A tal-Kap.12 u ghalhekk kellu rimedju ordinarju adegwat u effettiv. *[vide wkoll* ***PA Raymond Farrugia vs Kummissarju tal-Pulizija*** *deciza 12.11.2001].*

[4] Emfasi u sottolinear ta' din il-Qorti
[5] li ghalkemm huwa fih innifsu rimedju straordinarja, xorta wahda huwa rimedju kontemplat mill-ligi ordinarja.

Illi mill-premess jidher car li fejn ikun disponibbli ghar-rikorrent rimedju ordinarju, li hu cert, xieraq, adegwat u effettiv, allura, per regola, il-Qorti ghandha tiddeklina li tesercita l-gurisdizzjoni taghha; **ammennocche'** ma jkunux esistu cirkostanzi tali li minhabba l-gravita' taghhom jimmilitaw favur l-esercizju ta' dik il-gurisdizzjoni, bhal per ezempju, f' kaz fejn l-allegat ksur tad-dritt fondamentali tar-rikorrent ikun wassal ghall-privazzjoni mill-liberta' tieghu *[Vide **Melchior Spiteri vs Avukat Generali** Vol.LXXXIV.1.486]*

*Osservazzjonijiet fil-meritu*
Illi fid-dawl tal-premessi konsiderazzjonijiet guridici, johorg b' mod l-aktar lampanti li l-eccezzjoni tal-intimat bazat fuq n-nuqqas tar-rikorrenti li tesawrixxi r-rimedju ordinarju disponibbli ghaliha, hija fondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u ghandha tigi milqugha. Il-Qorti tosserva li qabel ma gew inizjati il-proceduri odjerni r-rikorrenti kellha, u ghad ghandha, disponibbli r-rimedju tal-Appell li huwa rimedju cert, adegwat u effettiv, u espressament moghti mill-ligi proceduri civili *"proprju biex jigi vverifikat permezz ta' investigazzjoni straordinarja jekk kinitx jew le avverrat ruhha irregolarita' gravi fl-amministrazzjoni tal-gustizzja li kienet tiggustifika t-thassir ta' sentenza finali tal-Qorti"* u dan apparti minn dak li rrileva ben tajjeb l-intimat, meta ma jidhirx li saret talba ghar-revoka *contrario imperio* tal-imsemmi digriet.

***Decide***
Illi ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti f' dan il-kaz, a bazi ta' dak li hemm kontemplat fil-proviso tas-sub inciz (2) tal-Artikolu 46 tal-Kosituzzjoni u s-sub inciz (2) tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319, qeda tiddeklina milli tesercita l-gurisdizzjoni taghha stante li ghad hemm disponibbli ghar-rikorrenti rimedji ordinarji, adegwati u effettivi; u f' dan is-sens tiddisponi mir-rikors. L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------